



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10066/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0138(COD)

TRANS 419
CODEC 946

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Ġunju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 310 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmxexxu 'l quddiem it-twertiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 310 final.

Mehmuż: COM(2021) 310 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.6.2021
COM(2021) 310 final

2018/0138 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-tweqqig tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)

1. SFOND

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2018) 277 final – 2018/0138 COD):	17 ta' Mejju 2018.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	
Data li fiha l-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta:	17 ta' Ottubru 2018.
	7 ta' Frar 2019.
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	13 ta' Frar 2019.
Data tal-ftehim tal-Kunsill dwar approċċ ġenerali:	2 ta' Diċembru 2019.
Dati tat-trilogi:	3 ta' Frar 2020.
	18 ta' Mejju 2020.
	8 ta' Ġunju 2020.
Data li fiha l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim ta' kompromess:	17 ta' Ġunju 2020.
Data tal-vot tal-Kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew favur l-approvazzjoni tal-ftehim ta' kompromess:	14 ta' Lulju 2020.
Data li fiha l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta l-pożizzjoni tal-Kunsill (il-Punt I/A):	[9] ta' Ġunju 2021.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari:	[14] ta' Ġunju 2021.

2. OBIETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ġiet ippreżentata f'Mejju 2018 bħala parti mit-tielet pakkett dwar il-Mobilità (Ewropa Attiva). Il-proposta hija kruċjali għat-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-iskadenza miftiehma tal-2030 billi jitnaqqas id-dewmien li nqala' fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-infrastruttura tat-TEN-T. Għandha l-għan ukoll li tiċċara aktar il-proċessi li l-promoturi tal-proġetti jeħtieġ isegwu, l-aktar fejn jidħlu l-proċeduri tal-għoti tal-permessi, tal-akkwist pubbliku u proċeduri oħra.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Bidla tal-istrument minn Regolament għal Direttiva

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, adottata fl-14 ta' Ġunju 2021 u li tirrifletti r-risultat tan-negozjati mal-Parlament Ewropew, tvarja fuq diversi aspetti formali mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni minħabba l-bidla tal-istrument legali minn Regolament għal Direttiva. Madankollu, minkejja dawn il-bidliet sinifikanti għall-proposta tal-Kummissjoni wara t-trilogi, it-test tal-ftehim li ntlaħaq jaderixxi mal-oġettivi tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni biex jinkisbu proċeduri għall-għoti tal-permessi aktar rapidi u faċilitazzjoni għall-promotur tal-proġett.

Dawn huma xi wħud mill-iktar bidliet importanti li ġew introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni:

Kamp ta' applikazzjoni

Il-Kummissjoni pproponiet kamp ta' applikazzjoni marbut mal-proġetti kollha ta' interess komuni fuq in-netwerk ewlieni tat-TEN-T.

Il-kamp ta' applikazzjoni issa jinkludi: (1) ir-rabtiet transkonfinali identifikati minn qabel u r-rabtiet nieqsa mill-kurituri tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T kif jinsabu fit-taqsimi 1 tal-parti III tar-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021–2027¹; (2) il-proġetti fuq il-kurituri tan-netwerk ewlieni li jaqbu l-EUR 300 miljun. Il-proġetti li huma relatati esklużivament ma' applikazzjonijiet telematiċi, teknoloġija ġdida u innovazzjoni kif definiti fir-Regolament TEN-T² mhumiex inklużi. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-proġetti kollha tan-netwerk prinċipali jew saħansitra tan-netwerk komprensiv.

Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda peress li tiżgura li tiġi koperta firxa wiesgħa u sinifikanti ta' proġetti, b'mod partikolari l-proġetti infrastrutturali kbar u kumplessi bħat-taqsimiet transfruntiera.

Awtorità Maħtura

L-“awtorità kompetenti unika għall-għoti tal-permessi” proposta mill-Kummissjoni nbidlet f'“awtorità maħtura”, f'konformità mal-istrument ta' Direttiva u filwaqt li jitqiesu d-differenzi fl-Istati Membri. L-identifikazzjoni ċara għal kull proġett ta' awtorità maħtura li se jservi bħala punt ta' kuntatt matul il-proċedura kollha u l-għoti ta' informazzjoni rilevanti se jiffaċilitaw il-ħidma tal-promoturi tal-proġetti. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

Skadenza għall-proċedura tal-għoti tal-permess

Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni kienet tipprevedi proċedura maqsuma f'diversi stadji b'perjodi ta' żmien li jakkumpanjawhom. F'konformità mal-istrument ta' Direttiva, id-dispożizzjoni ġiet mibdula, biex tħalli aktar flessibbiltà dwar l-istadji li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, iżda li timponi skadenza ġenerali ta' erba' snin biex tiġi konkluża l-proċedura kollha tal-għoti tal-permessi. Żdiedu salvagwardji addizzjonali, jiġifieri limitazzjoni għall-possibbiltà ta' estensjonijiet u d-dispożizzjoni li kwalunkwe estensjoni jeħtieġ li tkun debitament ġustifikata u l-promotur tal-proġett jeħtieġ li jkun informat dwarha. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn l-emendi.

¹ Il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2018) 438 final li dwarha ntlaħaq ftehim bejn il-koleġiżlaturi fil-11 ta' Marzu 2021

² Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE, ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1–128

Koordinazzjoni tal-proċedura transfruntiera għall-għoti tal-permessi u tar-rwol tal-Koordinaturi Ewropej

Għal proġetti li jinvolvu żewġ Stati Membri, l-obbligu li jiġu allinjati l-iskedi għall-għoti ta' permessi u li jintlaħaq qbil dwar skeda konġunta ġie emendat daqsxejn. Madankollu, id-Direttiva tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jeħtieġ li jikkooperaw fil-każ ta' proġetti transfruntiera dwar l-għoti tal-permessi. Bl-istess mod, il-formulazzjoni fid-dispożizzjonijiet dwar ir-rwol tal-Koordinaturi Ewropej fil-proċeduri transfruntiera għall-għoti tal-permessi ġiet emendata. It-test tad-Direttiva jiżgura li l-Koordinaturi Ewropej jirċievu informazzjoni dwar il-proċedura tal-għoti tal-permessi, jista' jiffaċilita l-kuntatti bejn l-awtoritajiet maħtura u jista' jistaqsi għal informazzjoni meta l-iskadenzi stabbiliti ma jintlaħqux. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn l-emendi.

Status ta' priorità

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet ipprevediet li l-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet għandhom jagħtu l-aktar trattament legali rapidu possibbli. Il-kunċett ġenerali, li l-Istati Membri jintalbu biex l-awtoritajiet jagħtu priorità lil proġetti koperti mid-Direttiva matul il-proċedura tal-għoti tal-permessi, jibqa'. Id-Direttiva emendata mid-dispożizzjoni dwar l-applikazzjoni ta' proċeduri għall-għoti tal-permessi speċifiċi għall-proġetti prijoritarji li diġà jeżistu skont il-liġi nazzjonali billi jippermettu l-ittestjar tal-proċeduri speċifiċi għall-għoti tal-permessi. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dawn l-emendi.

Rapportar

Id-Direttiva żżid obbligu ta' rappurtar għall-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar l-għadd ta' proċeduri għall-għoti ta' permessi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, it-tul medju tal-proċeduri, l-għadd ta' proċeduri għall-għoti tal-permessi li jaqbżu l-limitu ta' żmien u l-istabbiliment ta' kwalunkwe awtorità konġunta. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda.

4. Konklużjoni

B'mod ġenerali, il-ftehim milħuq jippermetti li jintlaħqu l-oġġettivi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, filwaqt li jinżamm livell suffiċjenti ta' ambizzjoni. Ir-regoli l-ġodda se jagħmlu l-proċeduri amministrattivi għall-proġetti infrastrutturali aktar effiċjenti, trasparenti u se jkunu ta' benefiċċju għas-settur tat-trasport fl-irkupru tiegħu wara l-kriżi tal-COVID-19 billi jassistu l-implimentazzjoni aktar rapida ta' proġetti tal-infrastruttura tat-trasport. Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.